MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 75

**5 ta' Frar 2018**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Mark George Abdilla – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
John Borg - Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Herbert Conti – Kunsillier

**ASSENTI**
Dr.Francesca Zarb - *Chairperson* Kumitat Amministrattiv *Fleur De Lys*
Matthew Mangion – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Swatar

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Anthony

Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur John Mizzi, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur John Borg, is-Sur Antoine Attard u s-Sur Owen Patrick Attard.

Għal din il-laqgħa kien hawn preżenti l-konsulent finanzjarju tal-Kunsill is-Sur Christian Vella.

**75.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

75.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

75.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva ittra waħda ta' apoloġija, mingħand il-Kunsillier is-Sur Herbert Conti li kien jinsab indispost. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija.

**75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

75.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 74 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

75.2.2 Fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg ssekondata mill-Kunsillier is-Sur John Mizzi, il-minuti tal-laqgħa numru 74 ġew approvati bħala dokumenti korretti nem. con.

**75.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

75.3.1 Ma kienx hemm kommunikazzjonijiet mis-Sindku.

**75.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

75.4.1 Il-Kunsillier is-Sinjura Marie Claire Zammit qalet illi avviċinata s-Sinjura Doris Micallef li hija pittriċi minn Birkirkara u tixtieq tagħti numru ta' *prints* lill-Kunsill. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li għandna nirringrazzjaw lil din is-Sinjura u li dawn il-*prints* għandhom jeħlu fl-uffiċini tal-Kunsill u nagħtu l-kredtu neċessarju lill-pittriċi.

75.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard qal illi hu jattendi għal laqgħat tal-LEAP u qal illi fejn jiltaqgħu mhux post komdu għax jiltaqgħu l-Belt Triq Melita. Huwa talab lis-Sindku biex jibdew jiltaqgħu hawn. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ma sabitx oġġezzjoni diment li ma jaħbtux ma' attivitajiet li jkunu diġa' bbukjati fis-sala.

75.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Patrick Owen Attard staqsa jekk fix-xogħlijiet li qed isiru f'Tas-Sisla nstabitx xi ġiebja li kien dejjem isemmi l-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien se jiċċekkja mal-perit tal-proġett.

75.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill fid-direttiva tad-Dipartiment illi l-*evaluation boards* jibdew ikunu komposti minn avvukat, *accountant* u espert fis-suġġett. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi għandna nitolbu gwida mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, għax għad hemm ħafna problemi dwar dan speċjalment dwar spejjeż ġodda u kunflitti ta' interess tal-professjonisti nkarigati. Is-Segretarju se jikteb għal direzzjoni mingħand l-AKL.

75.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-membri Ċirkulari 3/2018 dwar għeluq is-sena finanzjarja. Huwa qal li l-*accounts* għadhom mhux magħluqa, allura se tissejjaħ laqgħa oħra tal-Kunsill b'urġenza l-ġimgħa d-dieħla.

75.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami ressaq rapport dwar bozza tixgħel u titfi fi Triq John Borg u każ ta' anzjana b'diżabilta' fi Triq Akkwadott li għandha bżonn *reserved parking*.

75.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami staqsa dwar il-permess tar-Roxy u saqsa jekk il-Kunsill ġiex notifikat li reġa' nfetaħ il-permess. Dan għaliex kien hemm problema ta' aċċess u kwistjoni dwar il-galleriji. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li qatt ma rċevejna mill-PA u anke s-Segretarju kkonferma. Ġie deċiż li nkellmu lill-Perit tal-Kunsill u nerġgħu niċċekkjaw il-permess għax kien hemm xi ftehim fil-passat li kien waqa'.

**75.5 *Budget* 2018**

75.5.1 Il-konsulent tal-Kunsill is-Sur Christian Vella qal li l-budget ippreżentat se jkompli jikkonsolida dak li ħdimna fuqu bħala kunsill. Din is-sena kellna żjieda fl-allokazzjoni imma xorta qed nagħmlu budget kawt. Għamilna wkoll aġġustamenti fuq spejjeż li fuqhom nafu li ħirġin tenders ġodda ħalli nkunu on the *safe side*. Bħala Kunsill qed ngħidu li bħala proġetti kbar ma jsirux jekk ma jkunx hemm fondi speċjali.

75.5.2 Kien hemm diskussjoni dwar il-fondi li qed ningħataw mill-gvern u jekk humiex biżżejjed.

75.5.3 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami talab rapport mingħand l-*accountant* ta' *ring fencing* għal-laqgħa tas-Sindki. Ir-rapport se jiġi ppreparat.

75.5.4 Il-*budget* kien approvat b'mod unananimu.

**75.6 Rapporti Bordijiet ta' Evalwazzjoni**

75.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport ta' evalwazzjoni BLC9-2017 dwar servizz ta' ftuħ, għeluq u tindif ta' latrini ta' Triq is-Santwarju u Triq il-Wied. Il-Bord irrakomanda li jimxi ma' l-irħas offerta li kienet ta' G.3.B li tefa' prezz ta' 22.46euro kull ġurnata. Ma kienx hemm oġġezzjoni u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

75.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li t-tender tat-*tarmac* għadu ma ġiex aġġudikat u billi huwa urġenti xtaq illi jiġi diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill tal-ġimgħa ta' wara. Kien hemm qbil illi għalkemm dik tal-ġimgħa d-dieħla kienet laqgħa b'urġenza biex jiġi diskuss l-*accounts*, jitla' wkoll dan ir-rapport.

**75.7 Data tal-Laqgħa tal-Lokalita'**

75.7.1 Id-data tal-laqgħa tal-lokalita' ġiet iffissata għal nhar it-Tlieta 17 ta' April 2018 fis-6pm.

**75.8 Restawr Ġnien Stazzjon**

75.8.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi hemm bżonn jinħarġu żewġ tenders, relatati mal-ġnien ta' stazzjon, wieħed għar-rinnovar tal-ħadid tal-*gates* prinċipali u l-ieħor għar-restawr tal-ġebel ta' l-entratura. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

**75.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 55, u Petty Cash**

75.9.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* kienet approvata fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja.

75.9.2 L-iskeda ta' pagamenti numru 56 kienet approvata nem. con. wara numru ta' mistoqsijiet u kjarifiċi li saru fuq numru ta' pagamenti. Dan fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg.

**75.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.10pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 5 ta' Marzu 2018.

Konfermati, illum 5 ta' Marzu 2018.

Joanne Debono Grech
Sindku

Neil Spiteri
Segretarju Eżekuttiv